# IL-għ FIL-KITBA TAL-MALTI

L-aqwa saram li jiltaqgħu miegħu l-kittieba tal-Malti hi l-ittra *għ*. Il-ħoss tagħha hu hekk dgħajjef li għoddu ntilef għal kollox, u għalhekk il-widna ftit li xejn tgħinna kif u fejn għandna niktbuha. Xi wħud ma jiktbuhiex meta għandha tinkiteb, oħrajn idaħħluha fejn ma jesagħhiex, oħrajn iqallbuha minn postha, ftit jiktbuha tajjeb. Biex aktar titħaffef il-kitba tal-Malti, kien hemm min qal: la darba din l-ittra *għ* qiegħda biss biex tfixkilna, mhux aħjar neħilsu minnha u nneħħuha għal kollox mill-kitba tal-Malti? Jekk ma għandha l-ebda ħoss, għax ma nibdewx niktbu *amel, jamel, żażuħ* flok *għamel, jagħmel, żagħżugħ*?

Jaħsbuha hekk aktar minn wieħed. Ma għandniex xi ngħidu, mingħajr il-*għ* il-kitba timxi aktar ħafifa għal min mhux imħarreġ biżżejjed, iżda, minkejja fina, ikollna nitqanngħu biha u ma nneħħuha qatt mill-kitba tal-Malti. U ara l-għala:

1. L-ewwelnett il-kelma maltija hi msawwra minn tlett konsonanti li nistgħu nsemmuhom il-qafas tal-kelma. Għalkemm il-kelma titbiddel biex tbiddel it-tifsir, tagħha, huma ma jitbiddlu qatt; il-qafas jibqa dejjem sħiħ u għalhekk nisel il-kelma jibqa jingħaraf dejjem. Nieħdu t-tlett konsonanti *k-t-b*; minnhom nagħmlu: *kiteb, kitba, ktieb, ktib, kittieb*, li malajr tagħrafhom li jiġu minn xulxin. Issa jekk inneħħu l-*għ*, ħafna kliem inkunu qegħdin inħassrulu l-bixra tiegħu; ma jibqâx jingħaraf iżjed, u nkunu nħawwdu u nfixklu l-qari. Hekk jekk flok *xgħira* niktbu *xejra*, inkunu nħawwduha ma' *xejra* li ġejja mill-verb *xejjer*; hekk ukoll *atu* tista' tkun verb, u tista' tkun nôm *għatu*; *labtu* tista' tkun verb *lgħabtu*, u tista' tkun nôm; *tâġen* tista' tkun nôm, u tista' tkun verb *tagħġen*.

Iżjed: jekk flok *ġemgħa, laqgħa, qatgħa, tefgħa* niktbu *ġema, laqa, qata, tefa* nkunu nħawwdu bejniethom il-verb u n-nôm. *Naraf, namel, nafas* jistgħu jinqraw *jien nagħraf, nagħmel, nagħfas*, jew *hu ngħaraf, ngħamel, ngħafas. Araf, amel, afas* jistgħu jinqraw *hu għaraf, għamel, għafas* jew inkella *agħraf int, agħmel, agħfas. Bêtna* tista' tinqara *int begħtna* u *hi begħitna*. U ħafna oħrajn. Terġa': jekk inneħħu l-*għ* ma nkunux nistgħu nfissru kif jitbiddel xi kliem. Nieħdu l-verb *bagħat*. Jekk niktbuh *bât* ikun jixbah lil *qâm*, u hekk *bâtet, batt, bâtu, batna* jixbħu lil *qâmet, qomt, qâmu, qomna*. S'hawn nimxu. Iżda ma nifhmux il-għala ngħidu *jibat*, u l-għala minn *jibat* ingħidu *jibatu* u mhux *jibtu* bħalma jmissna ngħidu u bhalma minn *jiekol* ingħidu *jieklu*. Minn dan kollu naraw li n-nuqqas tal-*għ* flok ma jħaffef aktar iħabbel il-kitba u l-qari tal-Malti.

2. It-tieni mhux tassew li l-*għ* ma għandha l-ebda ħoss. Xi drabi ma tinstema' xejn, iżda xi drabi tinstema' tajjeb għalkemm b'ħoss dgħajjef. Nieħdu l-verb : *semgħu*. Fil-widna jinħass *semow* jew *semaw* imma mhux *semu*; jiġifieri bejn l-*m* u l-*u* ndaħħlu ħoss ieħor li donnu *a* u donnu *o*. Dan il-ħoss mhux vokali, għax kieku ma niktbux *semow* jew *semâw* iżda *smew* jew *smaw* bħal *bkew*, *qraw*. Mela hu konsonanti, u ma jistâx ikun konsonanti, oħra ħlief *għ* li toħroġ minn qiegħ il-gerżuma b'leħen miftuħ, immejjel lejn il-vokali *a*, *e*, *o* skond il-vokali li jkollha warajha.

L-aktar li tinħass il-*għ* meta tkun fl-aħħar tal-kelma bl-aċċent fuqha, hekk *mismugħ* tinħass *mismuħ*, *semmiegħ* tinħass *semmieħ*, *qiegħ* tinstama' *qieħ*, *biegħ* tinstema' *bieħ*. Tinħass ukoll bħala *ħ* meta jkollha *h* warajha, hekk *tagħha* tinqara *taħħa*, *biegħha* tinqara *bieħħa*, *semagħha* tinqara *semaħħa*. Kliem bħal dan ma nistgħux niktbuh bil-*ħ* bħalma jinħass fil-widna, għax f'nisel il-kelma jew fil-qafas tagħha ma hemm l-ebda *ħ*, u bħalma għedna l-ewwel, il-qafas tal-kelma għandu jibqa sħiħ, bla ma jonqos u bla ma jiżdied, fit-tibdil kollu tal-kelma. Iżda min-naħa l-oħra anqas ma nistgħu ma niktbu xejn għall-ħoss *ħ*. Mela għal dan il-ħoss *ħ*, li ma nistgħux niktbuh bil-konsonanti *ħ*, għandna nagħżlu dik il-konsonanti li tinsab f'nisel il-kelma u li għadha tinħass f'xi għamliet ta' dik il-kelma, jiġifieri l-konsonanti *għ*.

Mela l-*għ* għandha għeruqha mqabbdin iebes fil-Malti; inqaċċtuha nistgħu, naqalgħuha ma nistgħux; tqaċċat minn hawn, tarmi minn hemm; tinqered qatt.

Iżda fl-aħħar mill-aħħar din il-*għ* mhix tfixkil li ma nistgħux nirbħuh. Il-kittieba jiftakru f'dawn it-tusijiet :

1. It-tlett konsonanti tal-qafas tal-kelma ma jistgħux jitbiddlu u la jonqsu u la jiżdiedu, għalhekk minn *qatel* ma tistâx tikteb *jitqagħtlu* iżda *jitqâtlu*; minn *semagħ*, *semgħu* ma tistâx tikteb *mismuħ*.

2. Biex tkun taf fejn għandha tinkiteb il-*għ*, jekk ma tafx il-Grammatka ħâres lejn kliem ieħor mingħajr *għ* u li għandu għamla waħda bħal dik il-kelma bil-*għ*. Hekk biex tkun taf għandekx tikteb *jagħmel* jew *jgħamel*, *magħmul* jew *mgħamul*, ħâres lejn il-kelmiet *jaħseb* u *maħsub*, li għandhom għamla waħda bħal *jagħmel* u *magħmul*, u malajr tkun taf li wara l-konsonanti *j* u *m* għandek tikteb il vokali *a* u mhux il-konsonanti *għ*.

Mela l-*għ* ma nistgħux inneħħuha mill-kitba tal-Malti. Hi konsonanti, u l-ħoss tagħha għadu jinstema' u jingħaraf, u għalhekk għandha l-jedd li tibqa' tinkiteb bħall-konsonanti l-oħra.

P. P. S.